

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tipi Ta' Professjonijiet Legali](#) > [Italy](#)

## Tipi ta' professjonijiet legali

Il-kontenut ipprovdut minn  
Italja

Italja



Din il-paġna tagħtik f'arsa ġenerali lejn il-professjonijiet legali fl-Italja.

### Professjonijiet legali — introduzzjoni

Il-professjonijiet legali ewlenin fl-Italja huma: l-imħallfin professjonali (*maġistrati*), inklużi l-imħallfin aġġudikanti (*giudici*) u l-uffiċjali legali li jaħdmu għas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika (*pubbliċi ministeri*), l-avukati u n-nutara.

### L-imħallfin ġudikanti u s-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika

Is-sistema li biha l-imħallfin u l-uffiċjali legali tas-servizz tal-prosekuzzjoni jwettqu l-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom hija stabbilita fil-Kostituzzjoni.

### L-Imħallfin

Il-ġustizzja hija amministrata f'isem in-nies. L-imħallfin huma soġġetti biss għal-liġi. (Artikolu 101 tal-Kostituzzjoni).

Is-sistema li biha l-imħallfin iwettqu l-funzjonijiet ġudizzjarji tagħhom hija stabbilita u rregolata mil-liġijiet dwar is-sistema ġudizzjarja.

L-ebda qorti "straordinarja" jew "speċjali" ma tista' tiġi stabbilita, biss awli speċjali marbuta mal-qrati ordinarji. Il-liġi tistabbilixxi kif u meta l-pubbliku jista' jieħu sehem direttament fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

L-aċċess għall-ġudikatura huwa permezz ta' kompetizzjoni pubblika. Madankollu, jistgħu jinħatru mħallfin onorarji biex iwettqu l-funzjonijiet kollha ta' mħallef ordinarju individwali.

### Awtonomija u indipendenza

Il-ġudikatura hija korp awtonomu, indipendenti minn kwalunkwe fergħa oħra tal-gvern (l-Artikolu 104 tal-Kostituzzjoni).

Din l-indipendenza hija sostnuta mill-Kunsill Ġudizzjarju Superjuri (*Consiglio Superiore della Maġistratura*), korp awtonomu inkarigat b'ħatriet ġudizzjarji, assenjazżjoni ta' dmirijiet u trasferimenti, promozzjonijiet u miżuri dixxiplinarji (l-Artikolu 105 tal-Kostituzzjoni).

L-unika differenza bejn l-imħallfin hija n-natura tax-xogħol tagħhom.

Il-ħatra tagħhom hija permanenti u ma jistgħux jitneħħew jew jiġu sospiżi mingħajr deċiżjoni f'dan is-sens mill-Kunsill Ġudizzjarju Superjuri skont il-liġijiet dwar il-ġudikatura u bil-garanziji stabbiliti fihom, jew bil-kunsens tal-imħallef ikkonċernat.

# Uffiċjali legali tas-servizz tal-prosekuzzjoni

## Organizzazzjoni

Il-Kostituzzjoni tħaddan ukoll il-prinċipji tal-indipendenza u l-awtonomija tas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika (l-Artikolu 107).

L-Artikolu 112 jistabbilixxi l-prinċipju ta' prosekuzzjoni obligatorja ta' reati: ladarba l-prosekutur pubbliku kompetenti jkun ġie infurmat b'reat kriminali, huwa għandu jwettaq investigazzjonijiet u jippreżenta r-riżultati ta' dawn l-investigazzjonijiet lil imħallef għal valutazzjoni, flimkien mat-talbiet rilevanti. L-obbligu li jinbdew proċedimenti kriminali jgħin biex tiġi żgurata l-indipendenza tas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika fit-tweġġ tal-ħidma tiegħu u jirfed ukoll l-ugwaljanza tal-persuni kollha quddiem il-liġi.

L-uffiċċji tas-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika huma marbuta mal-Qorti tal-Kassazzjoni, il-qrati tal-appell, il-qrati ordinarji u l-qrati tal-minorenni.

## Rwol u dmirijiet

Is-servizz tal-prosekuzzjoni huwa involut fil-proċedimenti kriminali kollha u jaġixxi f'isem l-Istat. L-uffiċjali tas-servizz tal-prosekuzzjoni jipparteċipaw fi proċedimenti ċivili fejn dan huwa previst fil-liġi (eż. f'ċerti tilwimiet familjari, każijiet li jinvolvu persuna nieqsa mill-kapaċità legali, eċċ.).

## Persunal tar-reġistru u tas-segretarjat

Ir-reġistri tal-qrati u s-segretarjati tas-servizzi tal-prosekuzzjoni jimpjegaw persunal amministrattiv ta' diversi kategoriji (kapijiet tal-uffiċċju, uffiċjali, skrivana tal-qorti, skrivana tal-kontabbiltà, deputati, eċċ.) rekrutati minn kompetizzjonijiet pubbliċi bbażati fuq l-eżamijiet u rikonnoxxuti bħala uffiċjali pubbliċi soġġetti għal ftehim kollettiv nazzjonali għall-ministeri.

Huma impjegati mid-Dipartiment tal-Organizzazzjoni Ġudizzjarja, il-Persunal u s-Servizzi tal-Ministeru tal-Ġustizzja

(*Dipartimento dell'organizzazione giudiziaria, del personale e dei servizi*) u jwettqu kompiti amministrattivi relatati mal-amministrazzjoni ta' reġistri u fajls u jassistu l-qrati u l-uffiċċji tal-prosekuturi f'kull tip ta' proċediment.

Id-Direttorat Ġenerali għall-Persunal u t-Taħriġ tal-Ministeru tal-Ġustizzja (*Direzione Generale del Personale e della Formazione*) huwa inkarigat mit-taħriġ tagħhom.

## Organizzazzjoni tal-professjoni legali: avukati u nutara

### L-Avukati

Avukat huwa professjonist indipendenti msejjaħ biex jirrappreżenta u jassisti lill-klijenti tiegħu — li jistgħu jkunu individwi, kumpaniji jew korpi tal-gvern — quddiem qorti ċivili, kriminali jew amministrattiva.

Avukat jiddefendi lill-klijenti fuq il-bażi ta' ftehim li jirrappreżentahom u fuq ħlas ta' tariffa.

F'kull qorti hemm kunsill magħmul minn avukati lokali (*Consiglio dell'ordine*).

Fil-livell nazzjonali hemm il-Kunsill Nazzjonali tal-Avukati (*Consiglio Nazionale Forense*).

Il-liġi Nru 247 tal-31 ta' Diċembru 2012 daħħlet dispożizzjonijiet ġodda li jirregolaw il-prattika tal-liġi.

### In-Nutara

In-nutara huma [professjonisti indipendenti](#) li jeżerċitaw [funzjoni pubblika](#): ir-rwol tagħhom huwa li jawtentikaw l-atti ffirmati fil-preżenza tagħhom.

Il-professjoni ta' nutar hija rregolata mil-Liġi Nru 89 tas-16 ta' Frar 1913 dwar ir-regoli li jirregolaw il-professjoni notarili u l-arkivji notarili.

Il-korp nazzjonali huwa l-Kunsill Nazzjonali tan-Nutara (*Consiglio Nazionale del Notariato*).

---

■ L-aħħar aġġornament: 02/10/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.